



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2011/0440(COD)

17.7.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Ewropea dwar id-demografija
(COM(2011)0903 – C7-0518/2011 – 2011/0440(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Kerstin Westphal

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta għandha tirregola l-provvista u l-armonizzazzjoni ta' dejta dwar il-popolazzjoni fl-Istati Membri. Dan jinkludi l-ħolqien ta' qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar id-demografija, fejn jiġu regolati l-ġbir, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' statistika dwar il-popolazzjoni, kif ukoll dejta statistika dwar avvenimenti tal-ħajja.

Ir-rapporteur għal opinjoni tilqa' x-xewqa għal statistika uniformi u konsegwentement komparabbli mal-Ewropa kollha dwar is-suġġett tad-demografija. L-isfidi demografiċi qed jiżdiedu, u dejjem qed ikollhom rwol iktar importanti għall-iżvilupp tal-UE. Huwa biss meta tkun disponibbli statistika rilevanti li wieħed jista' jqabbel sitwazzjonijiet b' mod sinifikanti u jelabora konsegwenzi u għażliet għal teħid ta' azzjoni.

Minn meta kienet responsabbli għar-rapport ta' inizjattiva dwar it-tibdil demografiku u l-konsegwenzi tiegħu għall-politika ta' koeżjoni futura tal-UE (2010/2157(INI)), ir-rapporteur għal opinjoni ġibdet l-attenzjoni lejn l-importanza ta' dan is-suġġett. Ir-rapport ta' inizjattiva jitlob li l-iżviluppi demografiċi fir-reġjuni jitkejlu permezz tal-istatistika. Barra minn hekk, jitlob li l-bażijiet ta' dejta lokali, reġjonali u nazzjonali dwar l-iżvilupp demografiku jsiru b' mod li jkunu komparabbli, sabiex id-dejta tkun tista' tiġi vvalutata mal-Ewropa kollha u biex issir promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u l-lokalitajiet.

Anki l-idea tal-Kummissjoni fil-proposta preżenti, li d-dejta miksuba tintuża biex jinħolqu indikaturi ta' tipi differenti, hija appoġġjata mir-rapporteur għal opinjoni. L-“Indiċi tal-Vulnerabilità Demografika” tal-Kummissjoni jista' jkun indikatur ta' dan it-tip. Fir-rapport tiegħu msemmi hawn fuq, il-Parlament diġà talab li dan l-indiċi jiġi elaborat b' mod regolari, biex joħroġ ċar liema reġjuni fl-Ewropa huma l-iktar vulnerabbli għat-tibdil demografiku.

Ir-rapporteur tappoġġja, għalhekk, essenzjalment il-proposta tal-Kummissjoni, li prinċipalment tikkonsisti fid-definizzjoni ta' kunċetti u regoli ta' implimentazzjoni. Il-preokkupazzjoni ta' uħud mir-reġjuni, li l-ġbir ta' figuri ta' popolazzjoni skont il-kunċett tal-post ta' residenza abitwali huwa kumpless wisq (Art. 2(d)(i) u (ii)), qed jitneħħa, peress li l-Artikolu 3.1 issa jippermetti anki "l-eqreb stima possibbli".

L-emendi, għalhekk, qabel kollox jiffukaw fuq ir-rwol tar-reġjuni f'dan il-proċess, u jinkludu t-talba li anki l-istatistika reġjonali dwar id-demografija tiġi mgħoddija (fejn tkun disponibbli) lil Eurostat, sabiex ikunu jistgħu joħroġu anki d-differenzi reġjonali fl-iżviluppi demografiċi. Peress li l-frekwenza u l-kwantità tad-dejta li għandha tiġi trażmessa huma miftuħa, hawnhekk għandu jissewma' l-fatt li l-awtoritajiet tal-istatistika ma għandhomx jiġu sottoposti għal piżijiet finanzjarji jew amministrattivi inaċċettabbli.

Barra minn hekk, ir-rapporteur qed tipproponi li fil-provvista tad-dejta ssir referenza għan-neċessità tal-protezzjoni tad-data personali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Id-dejta ta' statistika annwali dwar id-demografija hija fundamentali għall-istudju u d-definizzjoni ta' firxa wiesgħa ta' linji politiċi, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet soċjali **u** ekonomiċi, fuq livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika dwar il-popolazzjoni hija denominatur importanti għal medda wiesgħa ta' indikaturi.

Emenda

(8) Id-dejta ta' statistika annwali dwar id-demografija hija fundamentali għall-istudju u d-definizzjoni ta' firxa wiesgħa ta' linji politiċi, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi **u territorjali**, fuq livell nazzjonali u reġjonali. L-istatistika dwar il-popolazzjoni hija denominatur importanti għal medda wiesgħa ta' indikaturi, **b'mod partikolari biex jiġu studjati l-iżvantaġġi demografiċi gravi u permanenti ta' ċerti reġjuni tal-Unjoni.**

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Permezz tal-“Indiċi tal-Vulnerabilità Demografika” - indiċi bbażat fuq is-sehem ikkalkulat ta' persuni ta' 65 sena u iktar fil-popolazzjoni totali, is-sehem tal-età tax-xogħol fil-popolazzjoni totali u t-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-2020 - il-Kummissjoni diġà żviluppat ideat għall-valutazzjoni ta' dejta statistika dwar id-demografija fir-reġjuni tal-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

L-“Indiċi tal-Vulnerabilità Demografika”, li ġie żviluppat għall-ewwel darba fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Reġjuni 2020: evalwazzjoni tal-isfidi futuri għar-reġjuni tal-UE, juri kif ir-reġjuni jiġu affettwati mit-tibdil demografiku b'mod differenti. Fir-rapport tiegħu dwar it-tibdil demografiku u l-konsegwenzi tiegħu għall-politika ta' koeżjoni

futura ((2010/2157(INI)), il-Parlament Ewropew enfasizza li dan l-indikatur huwa ta' għajnuna u għandu jkompli jiġi żviluppat.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) L-istatistika demografika dwar il-popolazzjoni ssawwar komponent essenzjali għall-istima tat-total tal-popolazzjoni fil-qafas tas-Sistema Ewropea tal-Kontabbiltà (ESA).

Emenda

(9) L-istatistika demografika dwar il-popolazzjoni ssawwar komponent essenzjali għall-istima tat-total tal-popolazzjoni fil-qafas tas-Sistema Ewropea tal-Kontabbiltà (ESA). ***L-aġġornament u t-trattament tad-dejta jikkostitwixxu elementi importanti għall-kumpilazzjoni tal-istatistika fil-livell Ewropew.***

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Sabiex tkun żgurata l-kwalità, b'mod partikolari l-komparabbiltà, tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri u biex ikunu jistgħu jinġabru deskrizzjonijiet ġeneriċi ta' min jafdahom fil-livell tal-Unjoni Ewropea, id-dejta użata għandha tkun imsejsa fuq l-istess kunċetti u tirreferi għall-istess data ta' referenza jew perjodu;

Emenda

(10) ***Jirriżulta li d-dejta statistika mogħtija mill-Istati Membri mhux dejjem tinġabar permezz tal-istess metodoloġija; għalhekk, sabiex tkun żgurata l-kwalità, b'mod partikolari l-komparabbiltà, tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri u biex ikunu jistgħu jinġabru deskrizzjonijiet ġeneriċi ta' min jafdahom fil-livell tal-Unjoni Ewropea, id-dejta użata għandha tkun imsejsa fuq l-istess kunċetti u tirreferi għall-istess data ta' referenza jew perjodu.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Fl-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea, l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u dawk Ewropej għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea rivedut u aġġornat mill-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika fit-28 ta' Settembru 2011.

Emenda

(13) Fl-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea, l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u dawk Ewropej, ***u fejn huwa applikabbli, dawk fil-livell reġjonali***, għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fil-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea rivedut u aġġornat mill-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika fit-28 ta' Settembru 2011.

Ġustifikazzjoni

F'uħud mill-Istati Membri, l-istatistika tinġabar mill-awtoritajiet reġjonali tal-istatistika. Dawn għandhom isegwu l-istess prinċipji.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) L-istess kriterji għandhom japplikaw għall-awtoritajiet lokali u reġjonali b'kompetenzi leġiżlattivi meta jikkollaboraw fl-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) "dejta validata" tfisser dejta li tissodisfa sensiela ta' kriterji ta' kwalità għall-ġbir tad-dejta, inklużi l-verifiki kollha magħmula f'termini tal-kwalità tad-dejta li

(h) "dejta validata" tfisser dejta ***statistika*** li tissodisfa sensiela ta' kriterji ta' kwalità għall-ġbir tad-dejta, inklużi l-verifiki kollha magħmula f'termini tal-kwalità tad-

għandha tiġi ppubblikata jew li diġà ġiet ippubblikata.

dejta li għandha tiġi ppubblikata jew li diġà ġiet ippubblikata.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bid-dejta dwar il-popolazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(c) u (d) fiż-żmien ta' referenza. Fejn iċ-ċirkostanzi spjegati fl-Artikolu 2 (d)i. jew (d)ii. ma jistgħux jiġu stabbiliti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bid-dejta dwar il-popolazzjoni fil-pajjiż fejn għandhom ir-residenza legali jew ir-reġistrata fiż-żmien ta' referenza; f'dan il-każ, huma għandhom jagħmlu sforzi proporzjonati biex jikkalkulaw dejta li hija l-eqreb stima possibbli **għall-popolazzjoni** msemmija fl-Artikolu 2(c) u (d).

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bid-dejta **statistika** dwar il-popolazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 2(c) u (d) fiż-żmien ta' referenza. Fejn iċ-ċirkostanzi spjegati fl-Artikolu 2 (d)i. jew (d)ii. ma jistgħux jiġu stabbiliti, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) bid-dejta **statistika** dwar il-popolazzjoni fil-pajjiż fejn għandhom ir-residenza legali jew ir-reġistrata fiż-żmien ta' referenza; f'dan il-każ, huma għandhom jagħmlu sforzi proporzjonati biex jikkalkulaw dejta li hija l-eqreb stima possibbli **għad-dejta statistika tal-popolazzjoni** msemmija fl-Artikolu 2(c) u (d).

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta d-dejta statistika tingħadda għal-livell nazzjonali mill-awtoritajiet reġjonali, l-Istati Membri għandhom jgħaddu din id-dejta lill-Kummissjoni (Eurostat), sabiex jippermettu ħarsa ġenerali aktar dettaljata lejn is-sitwazzjoni demografika fl-Unjoni.

Ġustifikazzjoni

It-tibdil demografiku qed jaffettwa r-reġjuni b'modi varji. Hemm differenzi enormi fi ħdan l-Istati Membri; għalhekk jista' jkun ta' għajjnuna mhux biss li jitqabblu l-iżviluppi fil-livell

nazzjonali, iżda wkoll fil-livell reġjonali.

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Kundizzjonijiet uniformi *relatati* kemm *mal-analiżi* tad-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2, kif ukoll mal-frekwenza, mal-iskadenzi u mar-reviżjonijiet tad-dejta, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

Emenda

4. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti implimentattivi li jstipulaw*** kundizzjonijiet uniformi kemm ***għall-analiżi*** tad-dejta msemmija fil-paragrafi 1 u 2, kif ukoll mal-frekwenza, mal-iskadenzi u mar-reviżjonijiet tad-dejta. ***Dawn l-atti implimentattivi*** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2). ***Dawn il-kundizzjonijiet uniformi, safejn huwa possibbli, ma għandhom ipoġġu l-ebda piż baġitarju jew amministrattiv addizzjonali fuq l-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali tal-istatistika.***

Ġustifikazzjoni

Peress li r-regolament ma jirregolax il-frekwenza tad-dejta, għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet ma jkunux sfurzati jgħaddu dejta b'mod tant frekwenti li ma jkunx realistiku jew ma jkunx jista' jiġi effettwat b'mod raġonevoli.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-provvista tad-dejta għandha ssir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru xxx/xxxx ta' ... dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u l-moviment liberu ta' tali dejta (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta), kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-

Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tad-dejta personali tissemma' fil-premessa 14 and għandha tiġi ripetuta hawn għaliex hija fattur importanti meta tinholq dejta statistika.

PROĊEDURA

Titolu	Statistika Ewropea dwar id-demografija
Referenzi	COM(2011)0903 – C7-0518/2011 – 2011/0440(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 17.1.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 17.1.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Kerstin Westphal 26.1.2012
Data tal-adozzjoni	11.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 –: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Victor Boştinaru, John Bufton, Salvatore Caronna, Nikos Chrysogelos, Francesco De Angelis, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Ewald Stadler, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Karima Delli, Ivars Godmanis, Juozas Imbrasas, Maurice Ponga, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Hans-Gert Pötering, Konrad Szymański, Janusz Wojciechowski